Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2025/85

14.1.2025

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2025/85**

**tat-13 ta' Jannar 2025**

**li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2024/385 li tistabbilixxi miżuri restrittivi kontra dawk li jappoġġaw, jiffaċilitaw jew jippermettu azzjonijiet vjolenti mill-Ħamas u l-Ġiħad Iżlamika tal-Palestina**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fid-19 ta' Jannar 2024, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2024/385 ([1]).

(2) Abbażi ta' rieżami tad-Deċiżjoni (PESK) 2024/385, dik id-Deċiżjoni jenħtieġ li tiġi estiża sal-20 ta' Jannar 2026.

(3) Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjoni (PESK) 2024/385 tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Fl-Artikolu 9 tad-Deċiżjoni (PESK) 2024/385, l-ewwel paragrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Din id-Deċiżjoni għandha tapplika sal-20 ta' Jannar 2026.".

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Jannar 2025.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

A. SZŁAPKA

---

([1]) Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2024/385 tad-19 ta' Jannar 2024 li tistabbilixxi miżuri restrittivi kontra dawk li jappoġġaw, jiffaċilitaw jew jippermettu azzjonijiet vjolenti mill-Ħamas u l-Ġiħad Iżlamika tal-Palestina (ĠU L, 2024/385, 19.1.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2024/385/oj).